**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Assistent Kummissarju Dennis Theuma**

**u Spettur Spiridione Zammit)**

**kontra**

**ALI MOHAMMED HASSAN**

**(I.D. No. 46834(A))**

Kaz Nru.: 327/2012

**Illum, 8 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Ali Mohammed Hassan** ta' 37 sena, bin Adalla u Fathija nee Abdalla, imwieled fil-Palestina fl-10 ta' Ottubru 1984 u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 46834A, akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-3 ta' Settembru 2010 u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data:

1. Ittenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ħajjart jew ġiegħelt persuna oħra tagħmel dak ir-reat ai termini tal-artikolu 22 subinċiż 5 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta; u
2. talli sar reċediv b' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Ġunju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1],

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021[2];

Ghal kull bon fini rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghal-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha minn dina l-Qorti diversament preseduta[3];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

Tlett *proces verbaux* immarkati bhala (i) Dok. 'GA' li jirrigwarda vera kopja ta' xhieda guramentata mghotija minn Miriam Caruana nhar it-3 ta' Settembru 2010; (ii) Dok. 'GA1' li jirrigwarda vera kopja ta' *process verbal* dwar sustanza suspettata illegali li instabet fuq vizitatur fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin nhar it-3 ta' Settembru 2010; u (iii) Dok. 'GA2' li jirrigwardja stqarrija ġuramentata ta' Ali Mohammed Hassan (l-imputat odjern) fit-12 ta' Settembru 2010.[4]

Fl-istqarrija guramentata taghha (Dok. 'GA'), Miriam Caruana, tikkonferma li hija giet arrestata fit-3 ta' Settembru 2010 (filghodu) wara li l-gwardjani tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabulha sustanza kannella allegatament raza tal-Cannabis mohbija gol-parti genitali taghha. Hija tikkonferma bil-gurament ukoll li dak inhar marret fl-istess Facilita' ghal *contact visit* mal-imputat odjern, Ali Mohammed Hassan, li dak iz-zmien kien residenti fl-istess Facilita'. Ikkonfermat li safejn kienet taf hi l-imputat ma kienx jiehu droga filwaqt li kkonfermat li hija kienet tabbuza mid-droga eroina u li l-ahhar li hadet kien f'Marzu tas-sena 2010.

---

1 Ara a fol. 5 tal-Proċess
2 Fol. 31 tal-atti processwali.
3 Fol. 34 tal-atti processwali.
4 Ara a fol. 13 sa 14 u a fol. 15 tal-Process.

Caruana tat informazzjoni dwar min kien ghaddielha s-sustanza li nstabet fil-pussess taghha. Hija spjegat li l-Erbgha ta' qabel il-vista fejn giet arrestata mill-pulizija, hija marret id-Detox ghal methadone u hemmhekk ghajtielha Spiteri fejn saqsieha jekk kinitx lesta li ddahhal id-droga il-habs u ta' dan huwa jtiha kumpens ta' Eur. 100. Spiteri kien qallha ukoll li d-droga kellha tghaddieha lill-qua imputat bl-intendiment li dan jghaddieha lil certu Zammit. Caruana ddikjarat li hija accettat.

Mill-proces verbal rigwadanti l-inkjesta magisterjali dwar sustanza suspettata llegali li instabet fuq vizitatur fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin nhar it-3 ta' Settembru 2010 (Dok. 'GA1') jirrizulta li fl-imsemmija inkjesta gew mahtura u xehdu zewgt esperti: Godwin Sammut u PS 186 C. Mintoff. Godwin Sammut ikkonkluda li

> *"…estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 347_10_01, nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta Kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' 3.26 grammi u l-purita kienet ta' circa 9.0%. Ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-ligi that it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta."*[5]

Min-naha tieghu PS 186 C. Mintoff irrelata u pprezenta faxxikolu ta' ritratti rigwardanti s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Miriam Caruana.

Minn Dok. 'GA2' jirrizulta li l-imputat Hasan Mohamed Ali rrillaxxa' stqarrija lill-Ispettur Spiridione Zammit fit-12 ta' Settembru 2010, liema stqarrija huwa għażel li jikkonferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat fl-istess gurnata. L-imputat, fl-istqarrija tiegħu, qal li huwa kien jinsab il-ħabs f' Division 6 u kien qiegħed jiskonta sentenza ta' tlett snin u nofs fuq ġlied. Jghid ukoll li huwa kien ilu f'relazzjoni ma Miriam madwar sentejn u hija kienet tmur tarah il-ħabs darbtejn fil-ġimgħa u cioe t-Tlieta u l-Ġimgħa. L-imputat stqarr li dawn il-visti ma' Miriam nqattghu għaliex sabulha biċċa 'smoke' hija u diehla l-habs. Huwa jghid li ma kienx konsapevoli li dakinhar tat-3 ta' Settembru 2010, Caruana kienet ser tipprova ggiblu d-droga l-habs madanakollu fl-istess hin huwa kkonferma li huwa kien hedded lil Miriam Caruana (li hekk kif inghad dak iz-zmien kienet it-tfajla tiegħu u li magħha għandu tifla ta' erbgħa xhur) li huwa kien lest jitlaqa' jekk hija ma' ġġiblux biċċa 'smoke' fil-vista li jmiss. Huwa jikkonferma li hekk kif qalha dan id-diskors Miriam bdiet tibki u huwa keċċiha mill-vista. Dan kollu kien sar it-Tlieta ta' dik il-gimgha stess li hija nqabbdet tipprova ddahhal id-droga l-habs. L-imputat stqarr ukoll li Miriam qatt ma' kienet ġabitlu droga ġewwa l-

[5] Fol. 19 ta' Dok GA1

ħabs u hu qatt qabel ma kien talabha ddaħħallu d-droga. Jghid li dakinhar li Miriam inqabdet bl-'ismoke' il-ħabs huwa kien qed jistenniha għall-vista u wara li ma' tfaċċatx qallu x' kien ġara. L-imputat stqarr li prova jċemplilha iżda l-mobile kien mitfi u meta eventwalment qabadha talabha skuża għaliex kien hu li qallilha ġġib id-droga. L-imputat jikkonferma ukoll li huwa qal lil Miriam tgħid il-verita' għaliex kien hu li qalilha ddaħħal l-'ismoke'. L-imputat qal li jaf lil Horace Zammit magħruf bħala Gaffarena bħala priġunier biss u lil Robert magħruf bħala Gandi ma kienx jafu iżda semagħhom isemmuh. L-imputat ċaħad li kellu jagħti biċċa mill-'ismoke' li kellha ggiblu Miriam lil Gaffarena. L-imputat sostna li din l-'ismoke' kienet għalih.

Da parti tagħha, id-difiża ma ressqitx provi f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-Qorti sejra preliminarjament tindirizza l-ammissibilita` ta' wħud mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri.

## I. Xhieda Guramentata tal-Imputat

Illi fis-sottomissjonijiet maghmula minnha, id-difiza, qeghda titlob lil dina l-Qorti tiskarta l-istqarrija li l-qua imputat irrillaxxa lill-pulizija kif ukoll ix-xhieda guramentata tal-istess imputat quddiem il-Magistrat Inkwerenti a bazi tal-istess stqarrija.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-qua imputat irrillaxxa l-istqarrija tieghu lill-pulizija nhar it-12 ta' Settembru 2010, skond il-ligi vigenti dak iz-zmien, wara li gie mwissi bil-mod segwenti:

> *"Twissija mghotija mill-Ispettur Spiridione Zammit fil-presenza ta' PC611 J. Magro li m'intix obbligat titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova, wara li gejt mghoti d-dritt li stajt ikkonsulta jew tigi assistit mill-Avukat jew Prokuratur Legali tal-fiducja tieghek u int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit."*

Fil-bidu tal-istqarrija l-qua imputat wiegeb fl-affermattiv meta mistoqsi jekk fehemx l-imsemmija twissija.

Ghaldaqstant jirrizulta li qabel beda l-interrogatorju l-imputat gie mghoti d-dritt tal-assistenza legali, liema dritt il-qua imputat kien irrifjuta. Dikjarazzjoni ffirmata mill-qua imputat f'dan is-sens ma giet qattipprezentata fl-atti processwali odjerni u lanqas fl-atti tax-xhieda guramentata. PC 611 Magro li jidher li kien xhud tal-volontarjeta' tal-istqarrija ma giet qatt prodott sabiex jixhed fil-proceduri odjerni u dana minkejja li mill-atti processwali ma jirrizultax li d-

difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega ta' dan ix-xhud. Kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza talbet lil din il-Qorti tordna l-isfilz tal-imsemmija stqarrija galadarba dina ttiehdet bi ksur tad-drittijiet tal-qua imputat galadarba l-istess imputat ma setghax ikun assistiet minn avukat jew prokuratur legali ta' fiducja tieghu <u>waqt</u> it-tehid tal-istess stqarrija.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet validi li jzommu lill-imputat milli jkun assistiet permezz ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interogazzjoni. Fil-fatt mill-istqarrija nnifisha jirrizulta li l-qua imputat kien gie offrut il-possibilita' li jikkonsulta ma avukat <u>qabel</u> l-interrogatorju (izda mhux waqt). Isegwi ghalihekk li probabilment l-unika raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghejjun minn avukat waqt l-interrogazzjoni kienet l-ghaliex il-ligi vigenti dak iz-zmien ma kinitx tippermettieha. Dak iz-zmien li fiha ttiehdet l-istqarrija odjerna (2010), il-ligi kienet tippermetti biss li l-imputat jkun jista' jikkonsulta ma avukat qabel ma tittiehed l-istqarrija sa massimu ta' siegha.

Jirrizulta ukoll li wara li l-qua imputat irrillaxxa dina l-istqarrija huwa deher quddiem il-Magistrat Inwerenti sabiex ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jikkonferma l-istess u jixhed bil-gurament dwarha. Fil-fatt fit-12 ta' Settembru 2010, l-imputat deher quddiem il-Magistrat Inwerenti fejn bil-gurament tieghu u wara li reggha gie mwissi mill-Magistrat dwar id-dritt tas-silenzju, nqratlu l-istqarrija li huwa kien irrillaxxa lill-Pulizija u huwa kkonfermaha fl-intier taghha.

Jirrizulta ukoll li l-istqarrija rrillaxata minnu li giet ikkonfermata bil-gurament hija wahda inkriminanti ghall-ahhar u hija wahda mill-provi principali mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat.

Fil-kaz il-<u>**Pulizija vs. Claire Farrugia**</u> deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Novembru 2018 wara li gew citati diversi sentenzi rigwardanti l-piz probatorju li l-Qorti ghandha taghti stqarrijiet fejn l-imputat ma jkunx gie assistiet minn avukat jew prokuratur legali waqt it-tehid tal-istqarrija, nghad:

> *Minkejja li l-appellanta fiz-zewg stqarrijiet inghatat id-dritt li tikkonsulta Avukat jew Prokuratur Legali u hi rrifjutat dan id-dritt u volontarjament ghaddiet biex <u>mhux biss taghti iz-zewg stqarrijiet izda anke tigguramenta l-ewwel stqarrija</u>, il-ligi fiz-zmien li nghataw l-istqarrijiet ma kinitx tipprovdi ghad-dritt li persuna tkun assistita waqt l-interrogazzjoni. Din il-Qorti tinnota li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tiehu parir legali qabel ma taghti l-istqarrijiet kif filfatt ghamlet, hi ma kelliex il-jedd li tkun assistita matul it-tehid tal-istqarrijiet. Id-Direttiva 2013/48/UE kif trasposta fil-ligi Maltija*

*permezz tal-ATT LI tal-2016 illum taghti l-jedd mhux biss lil persuni vulnerabbli biex ikunu assistiti waqt it-tehid ta' istqarrija izda lil kull persuna.*

*...*

*Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti permezz tal-appell prezentat mill-appellanta jirrigwarda linammissibilta' tal-istqarrijiet peress li ttiehdu minghajr ma l-appellanta kellha ddritt li jkollha prezenti l-avukat maghha u dan skont l-appellanta jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha senjatament id-drittijiet tal-appellanta ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Ghalhekk jirrizulta li dan l-ewwel aggravju m'huwiex imsejjes fuq dak li l-Qorti ddeciediet u fuq dak sottomess quddiem l-Ewwel Qorti izda l-ewwel l-aggravju fl-appell jirrigwarda l-fatt li fiz-zmien meta ttiehdu z-zewg stqarrijiet, il-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li persuna tkun assistita waqt l-ghoti tal-istqarrija. In linea talizvillup gurisprudenzjali tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tattrasposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/EU fil-ligi Maltija, kull persuna ghandha dritt li tkun assistita mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet u ghalhekk anke waqt l-ghoti talistqarrija. Il-legislazzjoni Sussidjarja 9.24 tiprovdi ghal Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interrogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati bl-Avviz Legali 102 tal-2017.*

*Jirrizulta li l-appellanta kienet hi stess li rrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat qabel l-ghoti tal-istqarrijiet kif anke jirrizulta mit-twissija li tidher a fol 28 li taqra:*

*...*

*Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-*

*istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha ddritt. Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li stqar l-Avukat Generali finnota tieghu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija bhala rinunzja tacita ghad-dritt li jkun hemm prezenza ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet u dan stante li fiz-zmien tat-tehid talistqarrijiet, il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghalhekk l-appellanta ma kellha l-ebda ghazla x'taghmel rigwardanti l-prezenza o meno ta' Avukat waqt linterrogatorju.*

*Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta iz-zewg stqarrijiet maghmulha mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel aggravju fis-sens li filwaqt li ma hija bl-ebda mod tiddikjara li kien hemm xi lezjoni tad-drittijiet tal-appellanta rigwardanti id-dritt ghal smiegh xieraq, sejra in vista tad-Direttiva 2013/48/EU li dahlet fis-sehh ferm wara l-ghoti tal-istqarrijiet in kwistjoni tiddikjara z-zewg stqarrijiet moghtija mill-appellanta fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u f'l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll kull referenza ghall-isqarrijiet bhala inamissibli. <u>Ghaldaqstant, sejra anke tiskarta ix-xhieda moghtija mill-appellanta quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn l-iskop ta' tali xhieda kienet il-konferma mil-gurament tal-ewwel stqarrija</u>"*

Issir referenza ukoll ghas-sentenza mghotija fl-10 ta' Mejju 2017 mill-Prim' Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Josianne Azzopardi</u>** li nghatat in segwietu ghal referenza kostituzzjonali dwar jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tal-imputata għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem galadarba ma kinitx inghatat l-opportunità li tikkonsulta ma' avukat qabel ma ġiet interrogata mill-pulizija u rrilaxxat stqarrija kif ukoll li lanqas kienet assistita minn avukat meta kkonfermat din l-istqarrija u xehdet mill-ġdid quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. F'din is-sentenza gie ddikjarat li:

*"...issib illi jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 <u>u l-istqarrija li tat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proċeduri</u>*

> *<u>kriminali de quo</u>. Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza."*

Fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **<u>Salduz v. Turkey</u>** tas-27 ta' Novembru 2008 jinghad:

> *"against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" ...Article 6.1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction -whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 ... <u>The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction"</u>*

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan l-insenjament u c-cirkostanzi hawn fuq imsemmija, din l-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat kif ukoll ser tiskarta x-xhieda guramentata tieghu li tikkonferma l-istess stqarrija li giet mehuda minghajr id-dritt tal-assistenza legali.

## II. Xhieda Guramentata ta' Miriam Caruana

Illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018, il-prosekuzzjoni ddikjarat li hija kienet bi hsiebha ttella lil Miriam Caruana f'dik l-udjenza sabiex hija tkun tista' tixhed viva voce. Madanakollu fl-istess udjenza d-difiża infurmat lill-Qorti illi l-imputat u Miriam Caruana huma miżżewġin bir-rit Musulman u għandhom wild u għalkemm dak iż-żmien kienu t-tnejn il-habs, qabel ma daħlu l-ħabs kienu jgħixu flimkien. F'dik l-udjenza l-prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tkun tista' tirregola ruha dwar din l-informazzjoni filwaqt li d-difiza obbligat ruhha li tipprezenta certifikat jew dokument in sostenn ta' dak iddikjarat minnha. Dan ic-certifikat u/jew document ma jidhirx li gie pprezentat. Madanakollu fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2019, il-prosekuzzjoni, b'referenza ghall-verbal tad-difiza tas-7 ta' Novembru 2018, ddikjarat li wara li ghamlet il-verifiki taghha jirrizultalha li l-imputat u Miriam Caruana huma miżżewġin u qabel ma daħlu l-ħabs għexu flimkien. Fic-cirkostanzi, f'dik l-istess udjenza, il-prosekuzzjoni rrinunzjat għax-xhieda *viva voce* ta' l-istess Miriam Caruana u dana fid-dawl ta' dak li jiddisponi

l-artikolu 635(1) tal-Kodici Kriminali, u ghaddiet sabiex tiddikjara li qed taghlaq il-provi taghha.

Stabbiliti dawn il-fatti, dina l-Qorti trid tevalwa l-piz tal-prova li ghandha tinghata lix-xhieda guramentata ta' Miriam Caruana mehuda ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mghotija fis-26 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs. Pierre Gravina</u>**, fejn gie ddikjarat:

> *"Issa, huwa principju generali li "...ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fissubartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorja li bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara* ***Il-Pulizija v. Angelo Grima*** *App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni,* *<u>pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici.</u>* *Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak*

*li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* **Kostovski v. Netherlands** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

> ***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings*** *((1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41)."*

L-istess principju gie pronunzjat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**:

> *"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere ... tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce ... ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab... (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**, b'referenza għall-Artikolu 30A tal-Kap. 101 u l-Artikolu 661 tal-Kap. 9 u wara li gew ikkonfermati l-principji stabbiliti permezz tas-sentenzi hawn fuq imsemmija, ingħad hekk:

*"Izda jekk f'dak l-istadju* (guri) *huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency."*
*Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz* ***Luca v Italy*** *[(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

> *"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."*

*Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:*
*1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.*
*2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal perezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.*
*3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.*
*4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminanti u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata."*

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan l-insenjament irid jinghad illi galadarba l-istqarrija tal-imputat giet skartata, l-unika prova deciziva u inkriminanti rimanenti fil-konfront tal-qua imputat hija x-xhieda guramentata ta' Miriam Caruana.

Galadarba ghar-ragunijiet elenkati iktar 'il fuq f'din is-sentenza Miriam Caruana ma giet qatt prodotta bhala xhud mill-Prosekuzzjoni sabiex tkun tista' tixhed viva voce fil-prezenza tal-imputat b'tali mod li l-istess imputat ikun jista' jikkontrolla u jaghmel il-kontro-ezami tal-istess xhud, dina l-Qorti ser tiskarta x-xhieda guramentata mghotija mill-istess Miriam Caruana quddiem il-Magistrat Inkwerenti ai fini ta' reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni.

Għal dawn il-motivi, konsegwentament, fin-nuqqas ta' provi, il-Qorti tqis illi z-zewgt imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat odjern ma ġewx ippruvati fil-grad rikjest mil-liġi.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi dina l-Qorti qeghda tillibera lill-qua imputat, Ali Mohammed Hassan mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur